MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Numru. 515/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**ESAM ISSA K YACOUB ta' 26 sena, iben Issa u Kiria nee' Yacoub, imwieled nhar it-03.11.1983, Tripoli, residenti x'imkien l-Imsida, detentur tal-passaport Libjan numru 719 706;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi **ESAM ISSA K YACOUB** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-23.05.2010, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' fil-

ghodu (04:45), fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Ghamel griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Steve Sciberras;

2. U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS 157 Brian Mifsud u PC 1354 Claudio Coppola, PC 68 Jeffrey Zammit, u PC 1351 Edward Farrugia, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli ngurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 157 Brian Mifsud u PC 1354 Claudio Coppola, PC 68 Jeffrey Zammit, u PC 1351 Edward Farrugia, persuni nkargati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza’ jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied;

5. U aktar talli b’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b’xi mod iehor;

6. U aktar talli f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu nnifsu.

Ikkunsidrat:

Illi diversi ufficjali tal-Pulizija ttellghu jixhdu dwar l-incident li kien involut fih l-imputat, ma’ ohrajn, ma’ impjegat tal-

Wembley Garage. Ghalhekk PS 157 Brian Mifsud ra tlieta minn nies, tnejn gilda skura u iehor ta’ karnaggon iswed, jaghmlu ghal u jhebbu ghal impjegat tal-Wembley Garage. Spjega li tefghuh ma’ l-art u bdew jaghtuh bil-ponn. Xehed illi ra lill-imputat jaghti daqqa ta’ ponn lill-impjegat tal-Wembley (folio 35). Zied ukoll illi l-imputat, darba li waslu l-pulizija, kien wiehed mill-persuni li telqu jigru. Meta nqabad u tellghuh gol-van tal-pulizija, l-imputat beda joffendiehom u jhedded lill-pulizija. Kompla b’din l-attitudni anke gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan. Zied illi anke pprova jahrab darba li kien immanettjat.

PC 750 Tony Mallia wkoll xehed illi waqt li flimkien ma’ ufficjali ohra kienu nezlin lura minn Paceville ghall-Ghassa, quddiem il-Wembley hareg bniedem Malti ghan-nofs it-triq u ra tlieta minn nies fuqu, cioe’ jaghtuh daqqiet ta’ ponn. Xehed ukoll illi l-imputat harab jigri meta nduna bil-pulizija. Darba li nqabad, fil-van tal-pulizija u anke fl-Ghassa beda joffendi lill-pulizija.

PC 1351 Edward Farrugia wkoll xehed dwar il-harba ta’ l-imputat, u li darba maqbud u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, beda jidghi u joffendiehom.

PC 616 Russell Spiteri wkoll tkellem, anzi xehed dwar tliet gruppi ta’ Gharab li kienu qeghdin jaghtu guvni Malti. Xehed ukoll dwar il-harba ta’ l-imputat u dwar il-fatt illi l-imputat darba arrestat beda joffendiehom. Dwar l-allegata rezistenza ghall-arrest minn naha ta’ l-imputat, xehed illi l-imputat beda jaghti ‘l hawn u ‘l hemm u ma tahomx idu mill-ewwel. Qal illi x’hin marru ghalih hu pprova jahrab.

PC 624 Keith Mallia wkoll xehed illi l-imputat darba l-Ghassa tal-Pulizija beda joffendiehom u jitkellem hazin. Dan xehdu wkoll PC 68 Jeffrey Zammit, zied ukoll illi sahansitra l-imputat beda jhabbat rasu mal-hajt.

L-imputat anke rrilaxxa stqarrija – fiha ammetta li kien hdejn il-Wembley, hemm ra tnejn ohra jargumentaw ma’ persuna u hu waqaf biex jifridhom. Innega li hu qatt kien involut f’xi glieda. Innega li hu qatt harab. Ammetta li kien fis-sakra. Innega li hu qatt hedded lill-pulizija.

Xehed ukoll bhala xhud in difesa dak li kien il-ko-imputat l-iehor qabel ma’ saret is-separazzjoni tal-gudizzju – xehed ghalhekk in difesa Fthi Emhmed Abdul Salam Zuwmh. Dan qal illi l-imputat sar jafu biss meta gara l-kaz. Xehed illi qatt ma rah isawwat lil xi hadd. Qal illi f’dan l-incident xi Maltin qabdu jaghtuh – dan biss kien l-involviment tieghu. Mistoqsi ghalfejn allura ammetta l-akkuzi, qal illi ghamel dan ghax hekk qalulu ghax kien xurban. Stante li kien xurban, fil-konfront ta’ l-imputat ma ftakar xejn, ftakar pero li l-imputat beda jhabbat rasu mal-van tal-pulizija.

Dr Joseph Scicluna kkonferma li certu Steve Sciberras, li kien allegatament qala’ daqqiet ta’ ponn go wiccu, kien sofra injuries mhux stabbiliti.

Ikkunsidrat:

Tibda fl-ewwel lok din il-Qorti billi tghid illi taqbel ma’ dak espost mill-Avukat Difensur illi l-harba per se ta’ l-imputat ma twassalx ghar-reat ta’ rezistenza bi vjolenza, attakk jew hebb taht l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan kif ben espost fis-sentenza li ghaliha l-abbli Avukat Difensur ghamel ampja referenza u cioe’ Il-Pulizija (Spt Joseph Agius) vs James Demanuele, Qorti Appell Kriminali, deciza nhar is-16.11.2006, Imhallef Dr Joseph Galea Debono. Ghalhekk tqis illi l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

Rat ukoll illi l-Avukat Difensur ammetta l-ewwel akkkuza b’mod kwalifikat, u cioe’ ferita hafifa in rissa. Hawn il-Qorti, anke jekk il-Prosekuzzjoni baqghet siekta, ma taqbilx li l-ewwel akkuza hija limitata ghalhekk. Qieset illi mill-provi hawn fuq esposti li l-imputat kien qed jaghti hu bil-ponn lix-xufier tal-Wembley Garage li kien ma’ l-art, u l-barranin - wiehed minnhom l-imputat, fuqu. Minn tali fatti kif esposti ma tirrizulta ebda rissa. Li jirrizulta car hu li dan ix-xufier Steve Sciberras spicca sofra almenu griehi ta’ natura hafifa (vide anke PIRS report a folio 13 – 14, u certifikat mediku a folio 13).

Illi in vista' ta' hekk din il-Qorti ma tistax taccetta dik l-ammissjoni u ssib ghalhekk lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi esposti ma hemm ebda dubbju li l-imputat kien hati wkoll taht l-Artikoli 95 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja effettiva ta' xahrejn (2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------